**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Frar, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 341/2014 AF**

**Dr John Buttigieg**

**Rose mart Dr Joseph Brincat**

**Dr Emmanuel Buttigieg**

**Carmen mart Joseph Houlton**

**Monica mart Herman Magro**

**Gaetana mart John Wismayer**

**John Joseph Bezzina**

**Julie Anne mart Norbert Friggieri**

**vs**

**Carmelo Formosa u fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li**

**jissejhu fil-kawza John Formosa, Nazzareno Formosa, Frances Sammut, Lorenza Sciberras u Maria Gatt**

**u fil-verbal tal-20 ta' Gunju 2018, il-Qorti laqghet it-talba u awtorizzat l-assunzjoni tal-atti minn Francis Formosa u John Formosa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-atturi huma l-proprjetarji tar-razzett maghruf bhala Ta' Puldu u r-raba mieghu tal-kejl ta' 35 (hamsa u tletin) tmien, 3 (tlett) sieghan u 4.63 (erba' punt tlieta u sittin) qasab.

L-atturi jikru l-imsemmija razzett u raba lill-konvenuti bil-qbiela ta' €70 (sebghin Ewro) fis-sena.

Il-konvenut naqas li jiehu kura u li jzomm stat ta' manutenzjoni tajba dan ir-razzett u r-raba matul il-kirja u minhabba dan in-nuqqas dawn gralhom hsarat kbar u ntensivi u dana skond kif sejjer jirrizulta fil-kors tal-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-istess konvenut huwa responabbli ghall-hsara rizultanti fir-razzett u raba hawn fuq imsemmi proprjetà tal-atturi.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi kif fuq inghad, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu 2013.

Il-konvenut hu ingunt in subizzjoni u sabiex jixhed.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Carmelo Formosa, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jipprovdu prova tat-titolu taghhom fir-rigward tal-proprjetà in kwistjoni.

Ir-razzett in kwistjoni mhuwiex formanti u qatt ma kien parti mill-qbiela li qeghdin jirreferu ghaliha r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimat ma kkaguna l-ebda danni la fir-raba mqabbla lilu u wisq anqas fir-razzett mertu tal-kawza.

Stante li l-intimat mhuwiex responsabbli ghall-ebda danni, m'ghandu jhallas l-ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif permessi mil-ligi.

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Novembru 2014 issejħu fil-kawża John Formosa, Nazzareno Formosa, Frances Sammut, Lorenza Sciberras u Maria Gatt.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-imsejħin fil-kawża li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok ir-rikorrenti ghandhom jipprovdu prova tat-titolu taghhom fir-rigward tal-proprjetà in kwistjoni.

Ir-razzett in kwistjoni mhuwiex formanti u qatt ma kien parti mill-qbiela li qeghdin jirreferu ghaliha r-rikorrenti fir-rikors taghhom.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimati ma kkagunaw l-ebda danni la fir-raba mqabbla lilhom u wisq anqas fir-razzett mertu tal-kawza.

Stante li l-intimati mhumiex responsabbli ghall-ebda danni, m'ghandhomx ihallsu l-ebda danni.

Salv eccezzjonijiet ohra hekk kif permessi mil-ligi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tal-imsejħin fil-kawża dwar l-eżistenza o meno ta' titolu ta' kera fuq ir-razzett mertu tal-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tal-imsejħin fil-kawża dwar l-eżistenza o meno ta' titolu ta' kera fuq ir-razzett mertu tal-kawża.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għad-danni. L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti ssib lill-konvenut u lill-imsejħin fil-kawża responsabbli għad-danni allegatament ikkawżati fir-razzett u raba proprjetà tagħhom imqabbla lill-konvenut u lill-imsejħin fil-kawża jew min minnhom.

Is-sentenza tal-lum hija limitata għat-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti u tal-imsejħin fil-kawża li permezz tagħha eċċepew li r-razzett in kwistjoni mhuwiex formanti u qatt ma kien parti mill-qbiela li qegħdin jirreferu għaliha l-atturi fir-rikors promotur.

Mill-provi prodotti jirriżulta li r-razzett mertu ta' din id-deċiżjoni huwa fil-fatt dar fortifikata tas-seklu dsatax magħrufa bħala 'Casa Ippolitu' jew 'Id-Dar ta' Poldu' li tinsab fuq art magħrufa bħala tal-Brolli kontrada ta' Ħas-Saptan u Wied il-Brolli fil-limiti ta' Ħal-Għaxaq u Birżebbugia. Din id-dar illum il-ġurnata hija skedata mill-Awtorità tal-Ippjanar iżda tinsab fi stat ħażin ħafna tant illi ma baqa' xejn minnha ħlief bini dilapidat.

L-atturi jgħidu li din id-dar, li jsejħulha wkoll razzett, flimkien mal-art tagħha, konsistenti f'sitta u tletin (36) tomna raba', kienet ilha numru ta' snin mqabbla lill-missier il-konvenuti u wara l-mewt tiegħu l-qbiela għaddiet għand il-konvenut Carmelo Formosa b'dan illi ħutu l-imsejħin fil-kawża qed jippretendu li huma wkoll igawdu minn titolu ta' qbiela fuq din l-art. Da parti tagħhom, il-konvenuti jiċħdu li d-dar jew razzett qatt kienet tagħmel parti mill-art imqabbla lilhom u lil missierhom qabilhom. Il-konvenuti spjegaw li l-familja tagħhom ilha taħdem din ir-raba' 'l fuq minn sittin sena u qatt ma kellhom rziezet imqabbla għandhom imma raba' biss.

Mill-atti tal-kawża ma tirriżulta l-ebda prova li l-konvenuti jew l-antenati tagħhom qatt għamlu użu minn dan il-bini li mid-dokumenti esibiti jidher li ilu abbandunat minn wara l-Ewwel Gwerra Dinija.

L-atturi qegħdin jistrieħu prinċipalment fuq ir-riċevuti tal-qbiela li rrilaxxja l-attur Dr Buttigieg mis-sena 2010 'l quddiem u ċioè meta beda jiġbor il-kera hu għan-nom tas-sidien kollha. Dan peress illi skont ma xehed Dr Buttigieg stess, meta beda jikteb ir-riċevuta hu beda jagħmel riferenza għar-razzett u mhux għall-art biss, mentri r-riċevuti kollha li ħarġu qabel, jiġifieri r-riċevuti għal ċirka ħamsin sena qbiela, kienu jsemmu biss 'plot of land at Ta' Poldu' jew 'land known as Il-Palazz ta' Poldu'. Skont Dr Buttigieg, dan għamlu sabiex ir-riċevuta tkun aktar speċifika u l-konvenut qatt ma oġġezzjona qabel ma saret l-ittra uffiċjali interpellatorja fl-2013. Minn naħa l-oħra l-konvenut jinsisti li huwa qatt ma nduna li Dr Buttigieg kiteb xi ħaġa differenti fuq ir-riċevuta qabel ma l-atturi qajmu l-kwistjoni tal-ħsarat f'din id-dar, jew kif isejħulha l-atturi 'razzett', fl-2013.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti u hija aktar inklinata li temmen il-verżjoni tal-konvenuti. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-każ fl-ismijiet Francis Schembri vs George Falzon, tad-9 ta' April 2010:

> *"Jeżistu infatti każijiet partikolari illustrati wkoll mill-ġurisprudenza fejn ir-riċevuta waħedha ma tistax titqies ta' gwida assoluta għas-soluzzjoni tal-problema."*

Fl-istess sentenza, dik il-Qorti kompliet billi qalet hekk dwar ir-riċevuti mertu tal-każ:

> *"...dawk l-istess riċevuti ma jistgħux jiġu iżolati mir-riċevuti ta' qabel u mill-fatti pre-eżistenti....Fit-tielet lok,* ***jekk, kif sottomess, il-konvenut ma insistiex li r-riċevuta jew riċevuti jinbidlu ugwalment u bl-istess raġonament għandu jingħad illi l-appellanti nnifsu lanqas ma attakka, impunja jew xort'oħra insista li tinbidel l-irċevuta oriġinarja u dawk l-oħra suċċessivi għal ben ħdax-il sena.****"* (Enfasi ta' din il-Qorti).

L-istess Qorti fil-każ ta' Emanuel Baldacchino et vs Emanuel Vella, tas-6 ta' Ottubru 2010, qalet hekk:

> *"Huwa apparenti mill-kopji tar-ricevuti esebiti a fol. 15 u 16 illi l-fond lokat fiz-zmien li dan ghadda fid-detenzjoni ta' l-intimat hu deskritt bhala "garage". Issa in meritu ghal din il-kontestazzjoni jinsab ritenut illi* ***"kif inhu risaput ir-ricevuta hi biss prova ta' pagament u fiha nfisha u wahdedha ma tikkostitwix prova definittiva u konkluziva tax-xorta tal-kirja li tkun saret. In-natura tal-kirja trid tirrizulta mill-prova tal-ftehim milhuq u mill-ezekuzzjoni ta' tali ftehim. F'dan il-kuntest ir-ricevuta tista' tkun punt rilevanti izda mhux necessarjament determinanti".*** *Ara "Angelo Fenech et -vs- Peter Muscat Scerri", Appell, 21 ta' Marzu, 1997."* (Enfasi ta' din il-Qorti).

Fil-każ tal-lum jirriżulta li l-konvenuti u missierhom qabilhom kienu ilhom mas-sittin sena jħallsu l-qbiela fuq din l-art u kien biss fl-aħħar ftit snin illi fuq ir-riċevuta saret riferenza għal din il-binja żdingata li l-atturi jsejħulha 'razzett'. Mhuwiex biżżejjed illi Dr Buttigieg jgħid illi l-konvenut aċċetta din ir-riċevuta u ma qajjem l-ebda lment dwar il-kliem hemm miktuba imma kien imissu kien hu li ġibed l-attenzjoni tal-konvenut li kien qiegħed jikteb xi ħaġa differenti minn dak illi kienu jiktbu ta' qablu għall-għexieren ta' snin. Il-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha wkoll illi Dr Buttigieg jipprattika l-professjoni ta' avukat u l-Qorti kienet tippretendi li jekk verament kien tal-fehma li

sempliċiment qiegħed jagħmel kjarifikazzjoni fir-riċevuta, din il-kjarifikazzjoni kien iġibha għall-attenzjoni tal-konvenut.

Il-fatt illi l-konvenut aċċetta din ir-riċevuta għall-aħħar ftit snin, għax imbagħad l-atturi ma baqgħux aktar jaċċettaw il-kera, ma jfissirx illi huwa kien qiegħed jaċċetta dak kollu li kien hemm miktub bħal donnu ir-riċevuti l-oħra kollha preċedenti ma jeżistux. Fuq kollox, jekk il-konvenut aċċetta dawn ir-riċevuti mingħajr l-ebda riżerva, daqstant ieħor l-atturi u l-awturi tagħhom fit-titolu għal snin twal ħarġu riċevuti tal-qbiela mingħajr ma għamlu l-ebda riferenza għad-dar jew razzett in kwistjoni.

L-atturi jibbażaw t-teżi tagħhom ukoll fuq ittra tal-1 ta' April 2013 li kienet intbagħtet lilhom mill-avukat tal-konvenut. Madanakollu, minkejja li jirriżulta li kopja tal-istess ittra għadha fl-atti, din l-istess ittra ġiet sfilzata fuq ordni tal-Qorti fl-udjenza tat-22 ta' Frar 2017 meta kopja tagħha ġiet annessa mal-affidavit tal-attur. Dan peress illi din l-ittra intbagħtet fuq bażi ta' 'Mingħajr Preġudizzju' fl-isfond ta' negozjati li kienu qed isiru bejn il-partijiet bl-għan li jintlaħaq ftehim sabiex ma jidħlux il-Qorti u dan kif jispjega l-attur Dr Buttigieg stess fl-affidavit tiegħu u allura ma tistax titqies bħala prova ammissibbli (ara f'dan is-sens il-provvediment ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Aspider Solutions Malta Limited vs Redtouch Fone Limited, tat-2 ta' Marzu 2020 u l-ġurisprudenza hemm ċitata).

Finalment, il-Qorti iżżid tgħid illi filwaqt li mill-kopji tal-artikli miktuba fil-ġurnali esibiti fl-atti, li jitkellmu dwar l-istat pjetuż li tinsab fiha din id-dar, jirriżulta li sitta u tletin tomna art jagħmlu parti mid-dominju estensiv li jikkomprendi wkoll id-dar, l-atturi ma ressqu l-ebda prova li din l-art hija aċċessibbli biss mill-istess dar. Mill-atti jirriżulta li din id-dar ma hija razzett xejn u l-atturi ma ġabu l-ebda prova li turi li qatt intużat bħala razzett imma li fil-fatt din kienet *hunting lodge* ta' żmien il-Kavallieri. Jirriżulta mill-istess dokumenti esibiti li din id-dar kienet ilha mitluqa snin twal qabel ma ġiet imqabbla lill-missier il-konvenuti u allura mhuwiex verosimli li l-konvenuti qatt għamlu użu minnha b'xi mod u wisq inqas li kkawżaw xi ħsara huma.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tal-imsejħin fil-kawża u konsegwentement, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju għal dak li għandu x’jaqsam mad-dar jew razzett u tordna l-prosegwiment tal-kawża għal dak li għandu x’jaqsam mar-raba.

L-ispejjeż jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG